ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 26    IT-TNEJN, 13 TA' MARZU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier (attenda fis-7.45pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

Mattea Sghendo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt. Is-Sindku tat merħba lill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ ġdida, Mattea Sghendo li min-naħa tagħha introduċiet ruħha.

**26 /01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**26/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** informa li ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija x'tinqara iżda kompla jinforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Jerome Caruana Cilia infurmah li kien se jattendi tard minħabba impenji oħra.

.

**26/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 25**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 25 li nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Ralph Puli issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 25 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**26/02 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**26/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se ssir mawra ta' ġurnata fi Sqallija (fil-lokalita' ta' Noto) fil-21 ta' Mejju 2017 fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din l-attivita' soċjali li s-sena l-oħra kienet ta' suċċess.

**26/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' bdil ta' bankini fi Triq Patri Spiteri Freemond u t-toroq tal-madwar ġie approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jintużaw fondi mill-Urban Improvement Fund. Ix-xogħol għandu jibda fil-ġranet li ġejjin.

**26/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-Literacy beda din il-ġimgħa u sfortunatament ma kienx hemm konkorrenza daqs kemm wieħed stenna.

Madanakollu, l-programm ta' lezzjonijiet beda u se ssir aktar promozzjoni biex forsi tiżdied il-konkorrenza.

**26/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza dwar talba għall-permess biex jitpoġġa tower crane fi Triq il-Blata ma ' Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li jinħareġ il-permess għall-perjodu ta' bejn 15 ta' April u 15 ta' Ġunju 2017, minħabba l-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Festa ta' San Ġorġ, fejn il-Kunsill għandu jitlob l-massimu tad-depożitu li titlob il-liġi filwaqt li jfakkar lill-kuntrattur bil-massimu tal-penali li tippermetti l-liġi għal kull jum li dan it-tower crane jitħalla wara l-perjodu msemmi hawn fuq.

**DOK 'A1'**

**26/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza minn Transport Malta dwar permess biex tingħalaq Triq Kardinal Xiberras u Triq il-Kbira minħabba xogħlijiet tal-Enemalta. Is-Sindku sostniet li l-Kunsill insista biex ix-xogħol ma jkumx aktar minn ħmistax il-jum u jibda wara l-festi tal-Għid filwaqt li t-trasport pubbliku għandu jitħalla jgħaddi.

**DOK 'A2'**

**26/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet komunikazzjoni dwar il-Premju Nazzjonali għall-Intrapriża. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament biex japplika għal dan il-premju.

**26/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korripsondenza mill-ANSEK dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi fil-proġett European Label of Governance. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal dan il-proġett. **DOK 'A3'**

**26/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** aġġornat lill-Kunsill dwar is-sejħa tal-offerti għar-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija f'tal-Blat, li ġiet ippublikata u tagħlaq fit-30 ta' Marzu 2017.

**26/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** aġġornat lill-Kunsill dwar is-sejħa tal-offerti tal-implimentazzjoni tal-proġett ta' parking sensors, fejn kien hemm bżonn li kjarifiki u għaldaqstant il-Bord talab dawn il-kjarifiki sal-perjodu stipulat fid-dokument tal-offerta.

**26/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** aġġornat lill-Kunsill dwar il-proġett li qed tagħmel Transport Malta permezz tal-kostruzzjoni ta' pont fil-bypass tal-Imrieħel. Is-Sindku qalet li l-ewwel kolonni fuq naħa tat-triq saru filwaqt li fil-ġimgħat li ġejjin għandhom isiru tan-naħa l-oħra biex finalment jitpoġġa l-pont li se jkun qed joffri post sigura minnfejn jaqsmu in-nies partikolarment dawk ir-residenti u ħaddiema ta' Tal-Blat 2.

**26/02/11** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza dwar talba għal danni kkawżati minn ħofra. Il-Kunsill approva unanimament it-talba. **DOK 'A4'**

**26/02/12** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet id-dokument bil-pjanti tat-toroq li l-Kunsill se jissottometti fl-applikazzjoni taħt miżura 4.3 biex isiru toroq rurali. B'kollox il-Kunsill se jkun qed japplika għal 15-il triq. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**DOK 'A5'**

**26/02/13** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li Triq il-Vitorja se tingħalaq għal jumejn (inkluż il-lejl) minħabba xogħlijiet tal-Enemalta li jibdew minn Trqi Ġuże Galea u jibqgħu għaddejjin minn Sqaq Nru 5 fi Triq il-Vitorja. Is-Sindku kompliet li wara insistenza mill-Kunsill, l-Enemalta aċċettat li dan l-isqaq jingħata wiċċ ġdid kollu kemm hu u mhux issir it-trinka biss. Madanakollu, l-Kunsill ħa l-opportunita minn dan ix-xogħol u talab li jħallas id-differenza fil-prezz biex isir b'imprint concrete. Is-Sindku ressqet stima li ma taqbizx il-Eur3,500 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**DOK 'A6'**

**26/02/14** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, fis-7.45pm attenda l-Kunsillier Jerome Caruana Cilia.**

**26/03** **MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

**26/03/01** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ressaq mistoqsija lis-Sindku li tgħid hekk:

Tista' s-Sindku tispjega fiex wasal il-proċess biex titwaħħal speed camera fil-Wied ta' Ħal Qormi kif maqbul mill-Kunsill Lokali waqt laqgħat preċedenti?

**26/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta formali mingħand il-LESA. Is-Sindku kompliet tgħid li ftit jiem ilu l-Kunsill bagħat ifakkar lill-LESA filwaqt li intant sirna nafu li Kunsill Lokali ieħor intalab biex jagħmel studju partikolari qabel ma t-talba ġiet approvata. Għaldaqstant, il-Kunsill se jkun qed jistenna r-risposta dwar it-talba tal-Kunsill u jekk fl-eventwalita' niġi mitluba li nagħmlu dan l-istudju l-Kunsill se jkun qed jagħmlu f'każ li l-

Kunsill jaċċeta. Intant, il-Kunsill qabel unanimament li malli jintalab dan l-istudju l-Kunsill għandu jipproċedi b'dan l-istudju skont ir-rekweżiti mitluba.

**26/04 RAPPORTI**

**26/04/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TEKNIKU DWAR ID-DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI MĦEJJI MILL-AWTORITA' TAL-IPPJANAR : ZONING TAL-BAJJADA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilliera li l-Gvern kien talab lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex tħejji dan id-dokument u tiftaħ konsultazzjoni pubblika. L-iskop tad-dan id-dokument huwa li jkun hemm tibdiliet fil-Local Plan għaz-zona tal-Bajjada biex jissalvagwardja l-kwalita' ta' ħajja tar-residenti mingħajr ma jhedded l-operat industrijali u kummerċjali eżistenti.

Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li l-Kunsill qed jistenna r-rapport tekniku tal-perit li għadu mhux lest, li iżda għandu jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**DOK 'B1'**

**26/05 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' FRAR 2017**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar 2017
**b)** *Bank Payments* Frar 2017
**c)** *Petty Cash* Frar 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax** il-Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**26/06 MOZZJONIJIET**

**26/06/01 MOZZJONI 47/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li t-toroq indikati fis-site plan annessa jiġu msemmija hekk:*

*Sqaq tal-Ħlas*
*Triq is-Santwarju tal-Ħlas*
*~~Trejqet tal-Ħlas~~ Triq San Stiefnu*

*Peress li għalkemm dawn it-toroq huma magħrufa b'dawn l-ismijiet, anke fil-pjanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar, ġejna infurmati mill-Uffiċċju Elettorali li dawn it-toroq huma bla isem uffiċċjali*

*Peress li r-residenti ta' dawn it-toroq qed ikollhom diffikultajiet mar-Reġistru Pubbliku proprju minħabba li dawn l-ismijiet mhumiex uffiċjali.*

*Għaldaqstant nipproponi sabiex il-Kunsill jirrakkomanda lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex dawn it-tlett toroq ikollhom l-isem, kif indikat hawn fuq, bħala l-isem uffiċjali.*
.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ippropona emenda biex flok Trejqet tal-Ħlas, tissemma Triq San Stiefnu peress li Triq tal-Ħlas diġa teżisti, filwaqt li f'din it-triq hemm niċċa antika ta' San Stiefnu.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** aċċettat din l-emenda u għaldaqstant minflok Treqjet il-Ħlas tissemma Triq San Stiefnu.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Ħdax -il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 46/2017 fejn għaldaqstant il-Kunsill għandu jibgħat dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni.

**26/7** **AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 4 ta' April 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ***Iffirmati*** | ***Iffirmati*** |
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum **it-Tlieta, 4 ta' April** 2017.